# 200 Sena mill-Pussess tal-Kan. Prepostu-Arċipriet Dun Franġisk Sammut SThD. (1807-2007)

Winston L. Zammit B.A. (Hons) P.G.C.E. M.A.



Nhar il-5 ta' Jannar 1806, il-kariga ta' Prepostu-Arċipriet li magħha kien hemm marbuta l-kura ta' l-erwieħ, sfat vakanti bil-mewt tal-Kan. Prepostu-arċipriet Dun Pietru Pawl Micallef, li kien ilu jmexxi l-parroċċa u l-Kolleġġjata Elenjana sa mill-1790.[1] Fl-istess jum, l-Isqof Vinċenz Labini ħatar lis-saċerdot Karkariż Dun Franġisk Sammut, bħala Vigarju-Kurat tal-parroċċa Elenjana [2] u wara konkors [3] li sar fl-istess xahar, l-istess Dun Franġisk inħatar bħala Prepostu-Arċipriet.

Il-Prepostu Sammut twieled madwar is-sena 1765 u fl-1785 insibuh bħala kjeriku, fil-lista tassew numeruża tal-kleru ta' Birkirkara.[4] Għamel l-istudji tiegħu għas-Saċerdozju fis-Seminarju Veskovili u wara li ġie ordnat saċerdot, serva bħala prefett fl-istess Seminarju għal iżjed minn sitt xhur. Wara ggradwa fit-Teoloġija mill-Università ta' Malta.

Lura lejn raħal twelidu, Dun Franġisk fetaħ skola tal-grammatika li fiha għallem għal 14-il sena. Iżda nxteħet ukoll għall-Ministeru Pastorali. Kien

1 Ferris A., Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo (Malta 1866) p. 321.

2 A(rkivju) K(atidral) M(alta) C.F.M. Concorsi B"kara, Nru. 4, f. 28V.

3 Ibid. f. 16v.

4 L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) 1075. F'dik is-sena Birkirkara kellha kleru tassew numeruż magħmul minn 13-il Kanonku, 34 qassis, djaknu, 8 kjeriċi u 8 kjeriċi oħra miżżewġin.

jgħin lill-Prepostu fl-amministrazzjoni ta' diversi sagramenti u kien jassisti lill-moridbondi. Kien konfessur kemm ta' l-irġiel u kemm tan-nisa, kif ukoll predikatur. Fil-fatt insibu li huwa għamel diversi korsijiet ta' eżerċizzi, priedki morali u paniġierki f'diversi rħula. Serva wkoll bħala Viċi-Parroku b'zelu kbir għas-żmien ta' sena u tmien xhur.[5] Matul il-Viżta Pastorali li saret mill-Isqof Labini, nhar it-28 ta' Jannar 1802 nħatar Puntatur tal-quddies.[6]

## Il-Konkors għall-Prepositura (1806)

Immedjatament wara l-mewt tal-Prepostu Micallef fis-6 ta' Jannar 1806, l-Isqof Labini ħatar lil Dun Franġisk Sammut bħala Vigarju-Kurat tal-parroċċa Elenjana. [7] Kif kien soltu jsir fiċ-ċirkustanzi, l-Kurja ħarġet l-editti meħtieġa biex isir il-konkors (eżami) għall-Prepositura vakanti, u applikaw tliet konkorrenti li kienu:

Dun Ġ. Battista Grech, Kappillan ta' Ħad-Dingli, 35 sena.[8]

Dun Franġisk Sammut S.Th.D. Vigarju-Kurat tal-parroċċa Elenjana, 41 sena.[9]

Dun Anton Sceberras minn Birkirkara, 29 sena.[10]

Minn fost it-tlieta, Dun Franġisk Sammut inħatar Prepostu-Arċipriet tal-Kolleġġjata Elenjana u ħa l-pussess fis-7 ta' Marzu 1807.[11]

## Il-Parroċċa Elenjana fi Żmienu (1807-1832)

Fi żmien il-parrokat tal-Prepostu Sammut, il-limiti tal-parroċċa Elenjana kienu ferm akbar milli huma llum., u ma kinux inbidlu mill-1655 meta kienet twaqqfet il-parroċċa ta' Ħal Balzan. Il-limiti tal-parroċċa fi żmien Dun Franġisk, minbarra Birkirkara propja, kienu jinkludu t-territorju fejn illum hem mil-parroċċi ta' San Ġwann, l-Ibraġ, Pembroke, San Ġiljan, Tas-Sliema, Il-Gżira, Santa Venera u parti mill-parroċċa tal-Ħamrun. Nafu kemm kienet il-popolazzjoni tal-parroċċa Elenjana mill-iStatus Animarum li t-total

5 A.K.M. C.E.M. Concorsi B'kara Nru. 4, f. 28V.

6 A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Viżta Pastorali Labini 1802, f. 103R.

7 A.K.M. C.E.M. Concorsi B'Kara Nru. 4, f. 28V.

8 Ibid. f. 16R, 23R.

9 Ibid. f. 16R.

10 Ibid. f. 16V.

11 Ferris A., op.cit. p. 321.

tagħhom ġie nkluż fl-atti tal-Viżti Pastorali li saru f'dawn is-snin:

Novembru 1809-4.200 ruħ [12]

Ottubru 1811 4,500 ruħ[13]

Ottubru 1820-5,000 ruħ [14]

M'hemmx dubju li l-parti l-kbira tal-parruċċani kienu joqogħdu f'Birkirkara propja. Iżda matul il-parrokat ta' Sammut kien hemm komunitajiet residenti f'Tas-Sliema[15], San Ġiljan[16] u l-Imsida.[17]

## Kapitlu u Kleru

Fil-qadi tad-dmirijiet pastorali tiegħu, il-Prepostu-Arċipriet Sammut kellu l-għajnuna tal-membri tal-Kapitlu Elenjan, imwaqqaf bil-bolla tal-Papa Urbanu VIII fil-5 ta' Diċembru 1630. Fi żmien il-Prepostu Sammut, il-Kapitlu kien magħmul minn 17-il kanonikat.[18] Huwa interessanti li fost il-membri tal-Kapitlu matul il-parrokat ta' Sammut, insibu żewġ membri ta' l-Ordni Ġerosolmitan (O.S.J.) li kienu Fra Giuseppe Cremona O.S.J.[19] u Fra

12 A.K.A. Viżta Pastorali Mattei 1809, f. 281V.

13 Ibid. Viżta Pastorali Mattei 1811, f. 101R.

14 Ibid. Viżta Pastorali Mattei 1820, f. 145V.

15 Dwar Tas-Sliema, ara W.L. Zammit Tas-Sliema fis-Seklu XIX, KKM 174 (Malta 2000) pp. 11, 12, 277.

16 Ara A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) Suppliche Vol 25 (3.1.1810 - 21.xii.1810). fejn taħt id-data 13.vii.1810 p.628 insibu petizzjoni ta' Nicola Vella e diversi altri abitanti in San Giuliano. Matul il-pesta ta' l-1813 kien hemm diversi nies residenti f'San Ġiljan (ara: a.N.M. PS/VI/4 Circolare alli logotenenti in Campagna 27.vi.1813 al logotenente di B'cara: "Siccome in San Giuliano vi sono molti abitanti...

17 Il-fatt li fl-1855 il-knisja tal-Kunċizzjoni fl-Imsida saret viċi-parroċċa, huwa żgur indikazzjoni ta' komunità residenti fil-post. (ara J. Calleja: L-Imsida il-Bieraħ u Llum Vol 1 (Malta 1989) p. 27.

18 Għall-ismijiet tal-kanonċi fi żmien il-Prepostu Sammut, wieħed jista' jara l-Viżti Pastorali ta' l-1809, 1811,1820. Ara A.K.A. Viżta Pastorali Malta 1809 f. 279V; 1811 f. 99V; 1820 f. 144R.

19 L-isem ta' Fra Giuseppe Cremona O.S.J. jidher fl-atti tal-Viżta Pastorali ta' Mattei 15.x.1811, fejn insibu li f'dak iż-żmien ma kienx f'Malta (Ara A.K.A. Viżta Pastorali

Pasquale Gelsomeno O.S.J.[20]

Fi żmien il-Prepostu Sammut, fil-kleru tal-parroċċa kien hemm żewġ membri oħra ta' l-Ordni Ġerosolmitan li kienu Fra Francesco Cassar O.S.J.[21] li kellu wkoll il-kariga ta' Viċi-Parroku[22] u ta' Fra Prospero Xuereb O.S.J.[23] Għall-istorja tajjeb li ngħidu wkoll li matul il-parrokat ta' Dun Franġisk, Birkirkara kella dsatax-il saċerdot ġdid.[24]

## It-Tagħlim tad-Duttrina

Attivitaċ pastorali li kienet organizzata sewwa matul il-parrokat ta'-

---

Malta 1811 f. 100R). Ismu jerġa' jidher fil-lista tal-kanonċi fil-Viżta Pastorali ta' l-1820 (Ara A.K.A. Viżta Pastorali Malta 1820, f. 144R).

20 L-isem ta' Fra Pasquale Gelsomeno O.S.J. jidher fil-lista tal-kanonċi fl-atti tal-Viżta Pastorali ta' l-1811(Ara A.K.a. Viżta Pastorali Malta 1811 f. 100R). Ismu jerġa' jidher fil-lista tal-kanonci fil-Viżta Pastorali ta' l-1820 (Ara A.K.A. Viżta Pastorali Malta 1820 f. 144R).

21 A.K.A. Viżta Pastorali Mattei 1820 f. 144R.

22 L.N.M. 747, fejn insibu wkoll li kellu l-kariga ta' wieħed mill-Viċi-Diretturi tal-Fratellanza tad-Duttrina li kienet twaqqfet fl-1820.

23 Fra Prospero Xuereb O.S.J., Kappillan Konventwali, Professur tat-Teoloġija u predikatur miet fl-4 ta' Frar 1830. (ara M(alta) G(ovt.) G(azette) 10.ii.1830. skond l-istess gazzetta: Such was the respect in which he was held by the inhabitants and clergy of the casal, that they voluntarily undertook the charge sof the funeral, which took place on the morning of the 5th. With great solemnity, in the Parish church of St. Helena, in the presence of the Collegiate Dignities and canons and the most respectable inhabitants of the neighbouring casals.

24 Għall-ismijiet ta' dawn is-saċerdoti, ara J. Calleja: Ordinazzjonijiet Saċerdotali (1800-2000) (Malta 2001) pp 5-16. Fost dawn is-saċerdoti nsibu lil Dun Ġwakkin Vassallo, li ġie ordnat saċerdot fl-14 ta' Frar 1818 (Ara J. Calleja op.cit. p.9). Jidher li l-Prepostu Sammut kien benefattur tiegħu u ghenu biex isir saċerdot. Jidher li Gioacchino Vassallo fl-1809 ma kellux mezzi biex ikollu patrimonju sagru. Ghaldaqstant insibu li fl-1809, il-Prepostu Dun Franġisk Sammut u diversi persuni oħra għamlu talba lill-Kummissarju Ċivili biex jagħmlu patrimonju sagru lil Gioacchino Vassallo, ta' xi beni stabbli. Din it-talba ntlaqgħet (Ara A.N.M Suppliche Vol. 24.3.xi.1809 - 20.xii.1809 p.133R.

Prepostu Sammut kienet dik tat-tagħlim tad-Duttrina. Fil-fatt nafu li fil-bidu tal-1820 kien hemm: L'Opera Pia della Dottrina Cristiana fil-Kolleġġjata Elenjana. F'Jannar tal-1820 il-Prepostu Sammut u l-Operai della Dottrina Cristiana ta' Birkirkara, urew ix-xewqa tagħhom lill-Isqof ta' Malta, sabiex l-Opera Pia della Dottrina Cristiana ssir konfraternitaċ. Għalhekk talbu lill-Isqof Mattei, biex iwaqqaf l-imsemmija fratellanza biex igawdu l-indulġenzi mogħtija mill-Papiet lil dan l-Istitut. L-Isqof Mattei, permezz ta' digriet bid-data ta' l-20 ta' Jannar 1820, laqa' din it-talba.

Wara dan it-twaqqif, il-Prepostu u l-membri tal-Fratellanza tad-Duttrina ressqu talba oħra lill-Isqof Mattei. Fiha qalulu li skond l-istatuti li saru għat-tmexxija tagħha, li kienu qed jissotomettulu, kien meħtieġ li jkun hemm artal għall-użu tal-fratellanza, kif ukoll oratorju, biex issir it-tqarbina tat-tfal kull raba' Ħadd ta' kull xahar u f'ċirkustanzi oħra. Fl-istess talba infurmaw lill-Isqof li l-Prepostu Sammut kien għamel bħala protettriċi tad-Duttrina Nisranija lil Marija Bambina, li xbieha tagħha kienet fi kwadru żgħir ta' Sant'Anna, fuq l-artal ta' San Ġużepp. Bħala oratorju għażlu l-knisja filjali tal-Madonna tal-Ħerba. Għaldaqstant l-Isqof Mattei intalab japprova l-istatuti, l-għażla ta' l-artal u dik ta' l-oratorju. Dan kollu l-Isqof approvah permezz ta' digriet tas-6 ta' Frar 1820.

L-inawgurazzjoni ta' din il-fratellanza saret nhar il-Ħadd 6 ta' Frar 1820 fil-kappella ta' San Ġużepp quddiem ix-xbieha ta' Marija Bambina., fil-preżenza tal-membri tal-fratellanza u numru kbir ta' nies. Sar il-kant tal-Veni Creator, is-Salve Regina u l-Litanija tal-Madonna. Wara diskors li sar minn Fra Francesco Cassar, Viċi-Parroku u viċi-Direttur ta' l-opra tad-Duttrina, tkanta t-Te Deum u ndaqqu l-qniepen kollha fost il-ferħ tal-poplu kollu.

Din il-fratellanza kellha numru t'uffiċjali. Kienet immexxija minn Direttur u Supretendent, li kien l-imsemmi Prepostu Sammut, li kellu l-għajnuna ta' numru t'uffiċjali oħra, fosthom żewġ Diretturi, Katekisti, Konfessuri, Kappillani, Prokuratur, Teżorier, Segretarju, żewġ Sagristani, żewġ sotto sagristani u żewġ kanturi. It-tagħlim tad-Duttrina kien jitqassam f'disa' klassijiet. F' din l-opra tajba, minbarra l-Prepostu Sammut u l-viċi-Parroku Fra Francesco Cassar, kienu involuti numru ta' kanonċi, saċerdoti, kjeriċi u lajċi.[25]

25 L.N.M. 747

## Ġrajjiet Importanti Oħra u Konsagrazzjoni ta' l-Artal

Minbarra t-twaqqif tal-Fratellanza tad-Duttrina, matul il-parrokat ta' Sammut seħħew numru ta' avvenimenti oħra: it-transulazzjoni tal-Korp Sant ta' San Kostantinu Martri (1807), il-konsagrazzjoni ta' l-artal tal-Kappella tas-Sagrament (1811), il-Pesta (1813-1814) u t-transulazzjoni tal-Korp Sant ta' San Awrelju Martri (1817).

Jidher li l-fdal ta' San Kostantinu Martri kien diġà jinsab fil-Kolleġġjata Elenjana fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi (1798-1800).[26] Fl-atti tal-Viżta Pastorali li saret f'Jannar 1802, nafu li dan il-Korp Sant kien jinsab fl-artal tad-Duluri.[27] Minn żewġ għejun differenti nafu li f'Awissu 1807 saret it-transulazzjoni solenni ta' dan il-Korp Sant u li fuq xewqa tal-Kapitlu Elenjan, din kellha ssir dal Preminente del Capitolo e Pontificalmente come quella di Sant'Elena.[28] Fin-nuqqas t'aktar tagħrif, ma nafux eżatt x'sar dak inhar. Tgħid il-fdal tal-qaddis tqiegħdu fl-istatwa u saret it-transulazzjoni solenni ta' din l-istatwa bil-fdal tal-qaddis?

Waqt il-Viżta Pastorali, fis-17 t'Ottubru 1811, l-Isqof Mons. Ferdinando Mattei assistit mill-kanonċi konviżitaturi, ikkonsagra b'mod solenni l-artal tal-kappella tas-Ssmu Sagrament fil-knisja Kolleġġjata Elenjana.[29]

## Il-Pesta (1813-1814)

Bejn April 1813 u Settembru 1814, il-gżejjer Maltin intlaqtu mill-imxija qerrieda tal-pesta. B'kollox f'Malta mietu 4572 ruħ u Birkirkara, li dak iż-żmien kien wieħed mill-irħula popolati, ntlaqat sewwa[30] u b'kollox fih mietu 281 ruħ.[31] Kemm damet din l-imxija qerrieda, spikkat il-figura tal-Prepostu Sammut, mhux biss minħabba z-zelu fil-qasam pastorali, iżda wkoll minħabba l-ħafna atti ta' karità li għamel.[32]

---

26 A.N.M. Letters from the office of the Public Secretary 1.vii.1808-1812 p32V, fejn insibu li l-prokuratur ta' l-artal ta' San Kostantinu ta' Birkirkara, kien silef xi flus għall-kawża nazzjonali fi żmien l-Imblokk.

27 A.K.A. Viżta Pastorali Labini 1802, f. 103R. Fl-okkażjoni ta' din il-viżta Pastorali, nhar it-28 ta' Jannar 1802, l-Isqof ħatar lil Pawlu Bartolo bħala Prokuratur.

28 Ferris A., op. cit. p 318. Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana 1979 p. 33.

29 A.K.A. Viżta Pastorali Mattei, 1811 f. 103V.

30 Cassar P., Medical History of Malta (Malta 1964) pp. 176, 180, 186.

31 Depiro G.M., Ragguaglio della Pestilenza Storica che afflisse le Isole di Malta e Gozo (1813-1814) (Livorno 1833), Appendiċl III.

32 M.G.G. 2.i.1833.

**Il-Fdal ta' San Awrelju (1817)**

Is-Santa Sede rregalat lill-Kapitlu Elenjan il-fdal ta' San Awrelju. Għaldaqstant fis-27 ta' Lulju 1817 ir-Revmu Kapitlu ddeċieda li jsir ftehim mal-prokuratur ta' l-artal ta' Sant' Andrija billi kellu jitqiegħed hemmhekk u għadu hemm sa llum. Nhar Santa Marija l-fdal ta' San Awrelju ġie espost fil-knisja filjali ta' Santu Rokku għall-qima tal-fidili. Fl-istess jum wara nofs inhar, saret Transulazzjoni Solenni ta' dawn ir-relikwiji lejn il-Kolleġġjata Elenjana.[33]

Il-Prepostu-Arċipriet Sammut ħalla dan il-wied ta' dmugħ nhar it-28 ta' Diċembru 1832 fl-etaċ ta' 67 sena. L-aħbar tal-mewt tiegħu dehret fl-unika gazzetta ta' dak iż-żmien, il-Gazzetta tal-Gvern, b'dan il-kliem:

Morto venerdì scorso (28 dic.) in età di 67 anni, Don Francesco Sammut, Preposito e Curato di Birchircara. Egli occupò quella carica con generale approvazione per 27 anni; ed in particolare durante la peste quando l'attivo suo zelo ed i numerosi suoi atti di carità furono molto cospicue.34

8.xii.2006

**Nota Editorjali:** Fi żmien il-parrokat ta' Sammut, V.Borg Brared kien għamel 3 qniepen: l-antika, tat-30 u l-Għawdxija (1813) ara V. Buhagiar pp.15, 17; saret in-nicca ta' l-infetti fl-1814 wara l-pesta. Jista' jkun li fi żmienu ttella' wkoll il-kampnar tal-punent, għax dan jidher fir-ritratt tiegħu li hemm fl-awla. Iżda dwar dan ma ltqajt ma xejn miktub li jikkorroborah.

33 Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana, 1979, pp 32, 33.

34 M.G.G. 2.i.1833.